ii. Kampjuni tal-viżwali proposti (kif hemm f'i) għall-kampanja, li jagħtu l-kunċett, skema ta' kuluri, mudelli tal-viżwali, u *storyboards* (fejn japplika);

L-offerent li jieħu l-kuntratt ikollu jagħmel dan li ġej:

i. Jiżviluppa l-kontenut u d-disinn tar-reklami;

ii. Jikkoordina l-*bookings* meħtieġa tar-reklami skond il-kampanja approvata mill-MIIIT;

iii. Jikteb artikli għall-istampa relatati mal-proġett;

iv. Jikkoordina l-*bookings* ta' l-i*spokesperson* tal-MIIIT rigward il-proġett fuq il-mezzi tax-xandir e.g. (televiżjoni u radju);

Kopja ta' l-*REF* tista' titniżżel mill-*website* tal-MIIIT www.miti.gov.mt

Il-proposti għandhom jinxteħtu fil-kaxxa ta' l-offerti li tinsab fil-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, 111, Palazzo Verdelin, Triq l-Arċisqof, Valletta, mhux aktar tard minn nofsinhar ħin ta' Malta ta' nhar il-Ħamis, l-1 ta' Marzu, 2007. Proposti li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

L-20 ta' Frar, 2007

MINISTRY FOR INVESTMENT, INDUSTRY AND INFORMATION TECHNOLOGY

The Ministry for Investment, Industry and Information Technology (MIIIT) is seeking the services of an interested and competent firm for the ESF Project 32 ICT Training Eco-System Education and Awareness Campaign.

The proposal submitted by the bidders must include the following:

i. A comprehensive plan for the duration of the campaign (March – October 2007), whereby the principles of the campaign, the media-mix that will be used to target the different audiences mentioned above, the schedule with which the campaign will run, the visuals and the budget breakdown will need to be clearly explained;

ii. Samples for the visuals proposed (as per i) for the campaign, giving the concept, colour scheme, models of visuals, and storyboards (if applicable);

The successful bidder who will be awarded the tender, will have to perform the following:

i. Develop the content and design of adverts;

ii. Co-ordinate the advert bookings necessary as per campaign approved by MIIIT;

iii. Write press articles related to the project;

iv. Co-ordinate the bookings of MIIIT spokesperson in relation to the project on the public media (e.g. television and radio);

A copy of the RFP can be downloaded from the MIIIT website: www.miti.gov.mt.

Proposals are to be deposited in the tender box located at the Ministry for Investment, Industry and Information Technology, 111, Palazzo Verdelin, Triq l-Arċisqof, Valletta, by not later than noon Malta time, on Thursday, 1st March 2007. Late submissions will not be considered.

20th February, 2007

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AND TRAINING SERVICES LTD

Iċ-*Chief Executive Officer*, Malta Information Technology and Training Services Ltd, jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Marzu, 20007, f'Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, fil-kaxxa ta' l-offerti jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. M388/07. Għoti ta' servizz ta' tindif għall-MITTS Ltd.

L-offerti għandhom ikunu f'envelops magħluqa u mmarkati "Għoti ta' Servizz ta' Tindif - M388/07".

Kopja elettronika tad-dokument tista' titniżżel minn fuq is-sit tal-MITTS Ltd, http://www.mitts.gov.mt mingħajr ħlas, waqt li kopja stampata ta' l-istess dokument tista tinkiseb permezz ta' talba bl-*email* mibgħuta lil csmu@gov.mt fuq ħlas ta' Lm15.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu minn fuq numru tat-telefon 25992581, jew *email* lil csmu@gov.mt

Il-ħlas huwa dovut meta jintefgħu l-offerti, u jkun pagabbli lill-MITTS Ltd. Kull offerta li tintbgħat b'ċekk li ma jiġix onorat tiġi invalidata.

L-20 ta' Frar, 2007

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AND TRAINING SERVICES LTD

The Chief Executive Officer, Malta Information Technology and Training Services Ltd, notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, up to noon of Friday, 30th March, 2007, for:-

Advt. No. M388/07. Provision of cleaning services to MITTS Ltd.

Tenders should be in sealed envelopes and marked with "Provision of Cleaning Services - M388/07".

An electronic copy of the document can be downloaded free of charge from MITTS Ltd website at http://www.mitts.gov.mt. A printed copy can be obtained through an e-mail sent to csmu@gov.mt for a fee of Lm15.

Further information may be obtained from telephone number 25992581, or an e-mail to csmu@gov.mt

Payment for a submission must be effected when submitting the tender and must be payable to MITTS Ltd. A submission accompanied by a dishonoured cheque will invalidate the bid.

20th February, 2007

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Id-Direttur, Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta, jgħarraf illi sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Marzu, 2007, fit-Taqsima għall-Konsumatur u Kompetittività, Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta, Triq il-Kanun, Santa Venera, jintlaqgħu offerti magħluqin għall -kiri ta' tliet vetturi *self-drive* għal perjodu ta' għaxar xhur.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Kopji tad-dokument ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Amministrazzjoni għas-*Support Services* tat-Taqsima għall-Konsumatur u Kompetittività, Triq il-Kanun, Santa Venera.

L-20 ta' Frar, 2007

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

The Director, Office of Fair Competition , notifies that sealed tenders will be received by the Consumer and Competition Division, Office of Fair Trading, Triq il-Kanun, Santa Venera, up to 10.00 a.m. of Friday,16th March, 2007, for the leasing of three self-drive vehicles for a period of 10 months.

A fee of Lm5 is being charged for the procurement of each tender document.

Copies of the tender document may be collected from the Administration Support Services Office of the Consumer and Competition Division, Triq il-Kanun, Santa Venera.

20th February, 2007

KUMITAT KONĠUNT
INFURZAR LOKALI U ORDNI PUBBLIKA

Il-Kumitat Konġunt għall-Infurzar Lokali u Ordni Pubblika ta' Għawdex jilqa' offerti għal:-

Avviż Nru. Gozo LES JC 1/2007. Servizz ta' Uffiċjal Awtorizzat fil-lokalitajiet ta' Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. Gozo LES JC 2/2007. Servizz ta' skrivana/reġistratur fit-Tribunal ta' Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Kull min hu interessat jista' jikseb kopji tad-dokumenti ta' l-offerti relattivi mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Kunsill Lokali Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, il-Qala.

Id-dokumenti ta' l-offerta għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti relattivi fl-Uffiċċju ta' l-Amministrazzjoni, Kunsill Lokali Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, il-Qala, sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, l-20 ta' Marzu, 2007.

Il-Kumitat Konġunt iżomm id-dritt li jirrifjuta l-aktar offerta vantaġġjuża.

L-20 ta' Frar, 2007

JOINT COMMITTEE
LOCAL ENFORCEMENT AND PUBLIC ORDER

The Joint Commitee for the Local Enforcement and Public Order of Gozo receives offers for:

Advt. No. Gozo LES JC 1/2007. Service of an Authorised Officer for localities in Gozo.

A fee of Lm20 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. Gozo LES JC 2/2007. Service of clerk/registrar in the Gozo Tribunal.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Interested parties are to collect copies of the relative tender documents from the Executive Secretary, Qala Local Council, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala.

Tender documents are to be deposited in the relative tender boxes at the Administrative Office, Qala Local Council, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, up to noon of Tuesday, 20th March, 2007.

The Joint Committee reserves the right to refuse the most advantageous offer.

20th February, 2007

KUMITAT KONĠUNT
INFURZAR LOKALI U ORDNI PUBBLIKA
GROUP H

Il-Kumitat Konġunt għall-Infurzar Lokali u Ordni Pubblika *Group* H jilqa' offerti għal:-

Avviż Nru. Sliema LES JC 1/2007. Kiri ta' Uffiċċju Amministrattiv.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Kull min hu interessat jista' jikseb kopji tad-dokumenti ta' l-offerti relattivi mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Kunsill Lokali San Ġwann, 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann.

Id-dokumenti ta' l-offerta għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti relattiva fl-Uffiċċju ta' l-Amministrazzjoni, Kunsill Lokali San Ġwann, 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann, sa nofsinhar ta' nhar il-Erbgħa, il-21 ta' Marzu, 2007.

JOINT COMMITTEE
LOCAL ENFORCEMENT AND PUBLIC ORDER
GROUP H

The Joint Commitee for the Local Enforcement and Public Order Group H receives offers for:

Advt. No. Sliema LES JC 1/2007. Leasing of an Administrative Office.

A fee of Lm30 is to be paid for each copy of tender document.

Interested parties are to collect copies of the relative tender documents from the Executive Secretary, San Ġwann Local Council, 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann.

Tender documents are to be deposited in the relative tender boxes at the Administrative Office, San Ġwann Local Council, 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann, up to noon of Wednesday, 21st March, 2007.

Il-Kumitat Konġunt iżomm id-dritt li jirrifjuta l-aktar offerta vantaġġjuża.

L-20 ta' Frar, 2007

The Joint Committee reserves the right to refuse the most advantageous offer.

20th February, 2007

KUNSILL LOKALI BORMLA

Il-Kunsill Lokali Bormla jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Frar, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. KLBO 01/2007. Assistenza fi *Project Management 'Interreg IIIB – Archimed – East Mediterranean Cohesion on Information and Telecommunications – Acronym – eMedIT'*.

Dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali bi ħlas ta' Lm20 (€46.59) għal kull dokument. L-offerti jinfetħu fil-preżenza tal-pubbliku fil-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-20 ta' Frar, 2007

BORMLA LOCAL COUNCIL

The Bormla Local Council notifies that:

Sealed tenders will be received up to noon of Tuesday, 27th February, 2007, for:–

Advt. No. KLBO 01/2007. Assistance to Project Management 'Interreg IIIB –Archimed – East Mediterranean Cohesion on Information and Telecommunications – Acronym – eMedIT'.

Tender documents may be obtained from the Local Council's office against a fee of Lm20 (€46.59) for each document. Tenders will be publicly opended at closing time.

The Council reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous.

20th February, 2007

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:–

Sal-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Frar, 2007, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu espressjonijiet ta' interess magħluqin għal:–

El/01/2007 - Espressjonijiet ta' interess għall-provvista u stallazzjoni ta' bandli, logħob għat-tfal u materjal ta' sigurtà sabiex jitwaħħlu f'diversi bandli f'Pembroke.

Persuni u kumpaniji nteressati għandhom jissottomettu kull dettalji li għandhom speċjalment qisien, specifikazzjonijiet ta' saħħa u sigurtà ta' l-apparat u garanziji.

L-espressjonijiet ta' interess kollha għandhom jiġu sottomessi f'envelop issiġillat. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke li jinsab fi Triq Alamein, Pembroke, waqt il-ħinijiet ta' l-Uffiċċju. L-espressjonijiet ta' interess kollha jinfetħu fil-Pubbliku wara l-ħin stipulat ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull espressjoni ta' interess, jew parti minnha anke l-aktar waħda vantaġġuża.

L-20 ta' Frar, 2007

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:–

Sealed expression of interest will be received at the Council's Administrative Office up to 11.00 a.m. of Wednesday, 28th February, 2007, for:–

El/01/2007 - Expressions of interest for the provision and installation of play equipment and safety material in various public gardens around Pembroke.

Interested suppliers are to submit all details including dimensions, health and safety specifications and warranty.

All expressions of interest are to be submitted in sealed envelopes. Further information may be obtained from the Administrative Office of Pembroke Local Council, Alamein Road, Pembroke during office hours. Expressions of interest will be opened in public after the closing time stipulated.

The Council reserves the right to refuse any expression of interest or part thereof, even the most advantageous.

20th February, 2007

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

276

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Frar 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 2582/97 GV, fl-ismijiet Benny's Catering Ltd vs Kummissarju tal-Pulizija, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Philip Debono, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża quddiem il-Qorti ta' l-Appell, bejn Benny's Catering Limited vs Kummissarju tal-Pulizija u l-Awtorità ta' l-Ippjanar u b' digriet ta' l-1 ta' Frar, 1999 Mario u Maria konjugi Deguara, Martin u Janette konjugi Calleja, Mary Dolores Imbroll u Christopher Imbroll, Philip u Patricia konjugi Grixti, John Balzan, Grace Mizzi, Carmela Fenech, Antonia Debono, Joseph Mizzi, Philip Debono, Saviour Darmanin u Francis Darmanin, intervenew fil-kawża in statu et terminis, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' dina l-kawża għal nhar it-Tlieta, sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju 2006, fid 9.00 a.m. u għas-17 ta' Ottubru 2006, fl-10.00 a.m., u issa tinsab differita għall-20 ta' Marzu 2007, fid-9.00 a.m.

Notifika: Philip Debono, 19, Triq San Ġwann Battista, San Pawl il-Baħar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli Superjuri) illum 15 ta' Frar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 8th February 2007, in the records of the Writ of Summons number 2582/97 GV, in the names Benny's Catering vs Commissioner of Police, ordered the following publication for the purpose of service of Philip Debono, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Whereas the written procedures in the cause before the Court of Appeal, between Benny's Catering Limited vs Commissioner of Police and the Planning Authority and by decree of the 1st February, 1999, Mario and Maria spouses Deguara, Martin and Janette spouses Calleja, Mary Dolores Imbroll and Christopher Imbroll, Philip and Patricia spouses Grixti, John Balzan, Grace Mizzi, Carmela Fenech, Antonia Debono, Joseph Mizzi, Philip Debono, Saviour Darmanin and Francis Darmanin, intervened in the cause in statu et terminis, the Court fixed the hearing of this cause on Tuesday, twenty seventh (27) of June 2006, at 9.00 a.m., and on the 17th October 2006, at 10.00 a.m., and is now put off to the 20th March 2007, at 9.00 a.m.

Service: Philip Debono, 19, St. John Baptist Street, Saint Paul's Bay.

Registry of the Superior Courts (Superior Appeals) today 15th February 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

277

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-15 ta' Jannar 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

GasanMamo Insurance Limited (C3143) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Sharon Schembri Bunce u l-istess Sharon Schembri Bunce (ID 42375M) ta' Msida Road, Gżira GZR 03 ippreżentaw Talba, fit-12 ta' Jannar 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Nazzareno Grech ta' Rencarm, Triq l-Arzella, Marsaxlokk u b'digriet tat-Tribunal tat-12 ta' Ġunju 2006 ġie kjamat in kawża Felix Grech ta' Qrolla, No. 14, Triq is-Sikka, Marsaskala, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf mitejn u wieħed u erbgħin lira Maltija u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm1,241.69) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u l-imgħax.

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 15th January 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

GasanMamo Insurance Limited (C3143) as subrogated in the rights of her insured Sharon Schembri Bunce and the same Sharon Schembri Bunce ID42375M of Msida Road, Gżira filed a Claim on the 12th January 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Nazzareno Grech of Rencarm, Triq l-Arzell, Marsaxlokk and by a decree of the 12th June 2006 Felix Grech was called into suit as third party of Qrolla, No. 14, Triq is-Sikka, Marsaskala, to pay the plaintiff company the sum of one thousand two hundred and forty one Maltese liri and sixty nine Maltese liri (Lm1,241.69) which amount is due to the plaintiffs company.

With costs and interest.

Il-kawża (142/05GMA) hija differita għas-26 ta' Frar 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 15 ta' Frar 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The case (Claim Number 142/05GMA) is put off on the 26th February 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 15th February 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

278

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-30 ta' Jannar 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Philip Beattie, Karta ta' l-Identità Nru 157564(M) u Warwick Beattie, passaport Ingliż Nru C062997E ta' Flat 4, Victoria Mansions, Victoria Junction, Sliema SLM 12, ippreżentaw Talba, fil-11 ta' Lulju 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Reginald Abela ta' Flat 5/6, Victoria Mansions, Victoria Junction, Sliema SLM12, sabiex iħallas lill-atturi s-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) liema ammont huwa dovut lill-atturi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (594/06PBC) hija differita għas-27 ta' Frar 2007 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 15 ta' Frar 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 30th January 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Philip Beattie, Identity Card No. 157564(M) and Warwick Beattie, English passport No. C062997E of Flat 4, Victoria Mansions, Victoria Junction, Sliema SLM 12, filed a Claim on the 11th July 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Reginald Abela of Flat 5/6, Victoria Mansions, Victoria Junction, Sliema SLM 12, to pay the plaintiffs the sum of six hundred Maltese liri (Lm600) which amount is due to the plaintiffs.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 594/06PBC) is put off on the 27th February 2007 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 15th February 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

279

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Jannar 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 669/2005 FS, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Shelving Systems Limited et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Carmen Bonavia u Shelving Systems Limited, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) u 187(5) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-30 ta' Novembru 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 669/2005 FS, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Shelving Systems Limited (C 23707) Carmen Bonavia (Id 191563M) Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici sabiex jirrapreżentaw l-eredità ġjaċenti tal-mejjet Joseph Bonavia (Id 593554M), ir-rikorrenti HSBC Bank Malta p.l.c. esponiet bir-rispett;

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 26th January 2007, in the records of the Writ of Summons number 669/2005 FS, in the names HSBC Bank Malta plc vs Shelving Systems Limited et, ordered the following publication for the purpose of service of Carmen Bonavia and and Shelving Systems Limited in terms of Article 187(3) and 187(5) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, on the 30th November 2006, in the records of the Writ of Summons number 669/2005 FS, in the names HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Shelving Systems Limited (C 23707) Carmen Bonavia (Id 191563M) Dr. Richard Sladden and Legal Procurator Mario Mifsud Bonnici in order to represent the vacant inheritance of the deceased Joseph Bonavia (Id 593554M), the applicant HSBC Bank Malta p.l.c. pleaded with respect;

Illi fil-15 ta' Lulju 2005, ippreżentat, Ċitazzjoni bin-numru 669/2005 FS, quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet hawn fuq imsemmija;

Illi fit-tieni premessa tagħha fl-atti taċ-Ċitazzjoni s-soċjetà esponenti stqarret 'illi permezz ta' skrittura datata 3 ta' Settembru 1999, il-konvenuta Carmen Bonavia u żewġha Joseph Bonavia, illum mejjet, daħlu garanti in solidum flimkien mas-soċjetà konvenuta a favur il-bank attur għar-rifużjoni ta' l-ammont dovut fuq faċilità bankarja sas-somma ta' tletin elf lira Malti (Lm30,000) oltre l-imgħaxijiet dovuti (Dok B);

Illi fit-tieni dikjarazzjoni magħmula mill-Bank esponent fid-dikjarazzjoni ġuramentata tagħha ppreżentata maċ-ċitazzjoni promotriċi tal-kawża odjerna il-Bank esponent stqarr:

'Illi permezz ta' skrittura datata 3 ta' Settembru 1999, il-konvenuta Carmen Bonavia u żewġha Joseph Bonavia, illum mejjet, daħlu garanti in solidum flimkien mas-soċjetà konvenuta a favur il-bank attur għar-rifużjoni ta' l-ammont dovut fuq l-imsemmija faċilità bankarja sas-somma ta' tletin elf lira Maltija (Lm30,000) oltre l-imgħaxijiet dovuti (Dok B).

Illi Joseph u Carmen Bonavia kienu fil-fatt daħlu garanti in solidum flimkien mas-soċjetà konvenuta a favur il-bank attur għall-ammont globali ta' tnejn u erbgħin elf lira Maltija (Lm42,000) ċioé a bażi ta' żewġ skritturi, il-waħda ċitata aktar 'il fuq, jiġifieri dik ta' tletin elf lira Maltija (Lm30,000) u skrittura oħra ta' tnax- il elf lira Maltija (Lm12,000) datata 15 ta' Lulju 2000, kopja hawn annessa u markata Dok 'A'

Għaldaqstant il-Bank esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna:

1. Li ssir korrezzjoni fl-att taċ-Ċitazzjoni u dana billi wara l-kelma (Dob B) fit-tieni premessa fl-att taċ-Ċitazzjoni jiżdiedu l-kliem ' u sas-somma ta' Lm12,000)' oltre l-imgħaxijiet dovuti (Dok Ċ),

2. Li ssir korrezzjoni fid-dikjarazzjoni preżentata maċ-ċitazzjoni promotriċi tal-kawża odjerna, u dana billi wara l-kelma (Dok B) fit-tieni dikjarazzjoni fl-att taċ-Ċitazzjoni jiżdiedu l-kliem 'u sas-somma ta' Lm12,000' oltre l-imgħaxijiet dovuti (Dok Ċ),

3. Tehmeż fl-atti senjalament mad-dokumenti annessi ma' l-att taċ-Ċitazzjoni l-annessa kopja ta' skrittura ta' Lm12,000 li qed tiġi mmarkata bħala Dok 'Ċ' u dana għall- finijiet kemm ta' dana r-rikors u kif ukoll għall-finijiet ta' kull eventwali ordni li jista' jingħata minn din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talbiet odjerni.

Notifiki: 1. Carmen Bonavia, 'Lourdes House' Triq G. Hyzler, il-Mosta.

2. Shelving Systems Ltd, Independence Avenue, Mosta.

That on the 15th July 2005 they filed a Writ of Summons with number 669/2005 FS, before this Honourable Court in the names above mentioned;

That in the second premise in the records of the Writ of Summons the applicant company declared ' that by means of a writing dated 3rd September 1999, the defendant Carmen Bonavia and her husband Joseph Bonavia, today deceased, were sureties in solidum together with the defendant company, in favour of the plaintiff Bank for the refund of the amount due on a banking facility till the sum of thirty thousand Maltese Liri (Lm30,000) besides interest due (Doc B);

That in the second declaration made by the applicant Bank in its sworn declaration filed with the original writ of summons of the present law suit the applicant Bank declared:

That by means of a private writing dated 3rd September 1999, the defendant Carmen Bonavia and her husband Joseph Bonavia, today deceased, were sureties in solidum together with the defendant company in favour of the plaintiff bank for the refund of the amount due on the said banking facility till the amount of thirty thousand Maltese liri (Lm30,000) besides interests due (Doc B),

That Joseph and Carmen Bonavia had infact been sureties in solidum with the defendant company in favour of the plaintiff Bank for the global sum of forty two thousand Maltese Liri (Lm42,000) that is on the basis of two writings, one mentioned further above that is of thirty thousand Maltese Liri (Lm30,000) and another writing of twelve thousand Maltese Liri (Lm12,000) dated 15th July 2000, a copy hereby attached and marked Doc 'A'.

Thus the applicant Bank humbly prays that this Honourable Court orders:

1. That there be made a correction in the Writ of Summons and this in the second premise of the Writ of Summons after the word (Doc B) there be added the words 'up to the sum of Lm12,000) besides interests due (Doc C),

2. That there be made the correction in the declaration filed with the original writ of summons of the present cause, and this after the word (Doc B) in the second declaration of the act of the Writ of summons there be added the words and up to the sum of Lm12,000 besides interests due (Doc C).

3. To attach in the records precisely with the documents attached with the act of the Writ of Summons, the attached copy of the writing of Lm12,000 which is being marked Doc 'C' and this both for the purposes of this application and also for the purposes of any eventual order that this Court can give regarding the present demands.

Notify: 1. Carmen Bonavia, 'Lourdes House' G. Hyzler Street, Mosta.

2. Shelving Systems Ltd, Independence Avenue, Mosta.

Iċ-Ċitazzjoni Numru 669/05 FS, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Shelving Systems Ltd et noe, jinsab differit għas-27 ta' Frar 2007, fil-10.00 am.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Frar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Writ of Summons Number 669/05 FS, in the names HSBC Bank Malta plc vs Shelving Systems Ltd et noe has been put off to the 27th February 2007, at 10.00 am.

Registry of the Superior Courts, today 15th February 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registry, Civil Courts and Tribunals

280

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Frar 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Nru 243/1991 RCP, fl-ismijiet Anthony Gauci bħala prokuratur ta' l-imsiefer Paul Gauci u b' nota ta' l-20 ta' Mejju 1991 l-istess Paul Gauci assuma l-atti tal-kawża vs Michael John Mallia u Luke Miceli għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà L. Farrugia & Sons Ltd; Victor Peralta fil-kwalità tiegħu bħala mandatarju ta' l-assenti George Peralta u b' noti tal-5 ta' April 1993 rispettivament Edward Cassar Torregiani u Dr. Louis Bianchi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Whitewood Limited assumew l-atti tal-kawża minflok Victor Peralta bħala mandatarju ta' l-assenti George Peralta; Dr. Ramon Rossignaud LL.D.; Veronica Rossignaud; Marguerite Mercieca; Josephine Terreni; Rita Ferro; Mary Degiorgio; John Mattei; Marian Gatt; Astrid Xuereb; Diane Toledo; Sandra Zarb Mizzi; Blanche Refalo; l-Onorevoli Segretarju Parlamentari l-Avukat Dottor Michael Refalo LL.D., M.P., Patricia Mercieca; Hugh Mercieca; Cecilia Camilleri; u Peter Camilleri, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-appellata Mary Degiorgio, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12, l-attur Paul Gauci, ID 174454(M) permezz ta' rikors espona bir-rispett;

A. Ċitazzjoni.

Illi permezz ta' ċitazzjoni attriċi datata 30 ta' Mejju 1991, l-atturi ppremettew: Illi b'konvenju ta' l-ewwel (1) ta' Awissu tas-sena elf disa mija u disgħin (1990) il-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom ippromettew u obbligaw ruħhom li jassenjaw u jittrasferrixxu b'titolu ta' enfitewsi perpetwa lill-istanti li aċċetta u obbliga ruħu li jakkwista bl-istess titolu ta' enfitewsi perpetwa l-art magħrufa 'Tal-Propostu' numru disgħa (9) fi Sqaq l-Ilbraġġ, fil-limiti ta' Birkirkara tal-kejl circa erbgħin (40) tomna ekwivalenti għall-44,965m.k. tmiss mit-Tramuntana in parti ma' sqaq u in parti ma' proprjetà tal-familja Micallef (jew assignees) u mil-Lvant u min-Nofsinhar mat-triq, bid-drittijiet u l-pertinenzi tagħha kollha, libera u franka, minn piżijiet u servitujiet, versu ċ-ċens annwu u perpetwu ta' għaxart elef mitejn u ħamsin lira Maltija (Lm10,250) u bil-prezz ta' għoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000) għal darba waħda biss,

……Omissis……

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 8th February 2007, in the records of the Writ of Summons Number 243/1991 RCP, in the names Anthony Gauci as mandatary of the absentee Paul Gauci and by note of the 20th May 1991 the same Paul Gauci assumed the records of the cause vs Michael John Mallia and Luke Miceli in the name and in representation of the company L. Farrugia & Sons Ltd; Victor Peralta in his capacity as mandatary of the absent George Peralta and by notes of the 5th April 1993 respectively Edward Cassar Torregiani and Dr. Louis Bianchi in the name and in representation of the company Whitewood Limited assumed the records of the cause instead of Victor Peralta as mandatary of the absent George Peralta; Dr. Ramon Rossignaud LL.D.; Veronica Rossignaud; Marguerite Mercieca; Josephine Terreni; Rita Ferro; Mary Degiorgio; John Mattei; Marian Gatt; Astrid Xuereb, Diane Toledo; Sandra Zarb Mizzi; Blanche Refalo; the Honourable Parliamentary Secretary Advocate Dr. Michael Refalo LL.D. M.P., Patricia Mercieca; Hugh Mercieca; Cecilia Camilleri; and Peter Camilleri, ordered the following publication for the purpose of service in respect of Mary Degiorgio, in terms of Article 187(3) of Chapter 12, the plaintiff Paul Gauci, Id 174454(M) by means of an application respectfully pleaded;

A. Writ of Summons.

That by means of a writ of summons dated 30th May 1991 the plaintiffs premised; That by a preliminary agreement of the first (1) of August of the year one thousand and ninety (1990) the defendants together and in solidum between them promised and bound themselves to assign and transfer by title of perpetual emphyteusis to the appellant who accepted and bound himself to acquire by the same title of perpetual emphyteusis the land known as 'Tal-Propostu' number nine (9) in l-Ibragg Alley, in the limits of Birkirkara of the area of circa forty (40) tumoli equivalent to 44,985 sq.m. bordering on the north in part with an alley, and in part with property of family Micallef (or assignees) and on the east and south with the road, with all its rights and appurtenances, free and unencumbered, from burdens and servitudes, towards the annual and perpetual groundrent of ten thousand two hundred and fifty Maltese liri (Lm10,250) and for the price of twenty thousand Maltese Liri (Lm20,000) for once,

……Omissis……

Illi wara li l-konvenuti kollha ġew interpellati biex jaddivjenu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt notarili relattiv u dan permezz ta' ittra uffiċjali tal-11 ta' Jannar 1991, li kopja tagħha tinsab hawn annessa u mmarkata Dok. (D) kienu l-konvenuti Michael John Mallia et nomine u Victor Peralta nomine biss li rrifjutaw li jersqu fuq l-att notarili opportun kif mitlub mill-istess istanti;

Illi l-istess attur talab sabiex il-konvenuti jgħidu għaliex din il-Qorti m' għandhiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tikkundannahom biex jersqu għall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' konċessjoni in enfitewsi perpetwa ta' l-art magħrufa 'Tal-Propostu' numru 9 fi Sqaq l-Ibraġġ, fil-limiti ta' Birkirkara, tal-kejl circa 40 tomna ekwivalenti għall-44,965m.k. u kif aħjar deskritta fil-konvenju ta' l-1 ta' Awissu, 1990 (Dok 'A' u dana bil-pattijiet u kundizzjonijiet kollha indikati fl-istess konvenju msemmi;

2. Tiffissa l-jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni ta' l-istess kuntratt notarili, taħtar Nutar Pubbliku biex jippubblika l-kuntratt notarili relattiv u tinnomina kuraturi biex jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-att;

Bl-ispejjez, kompriżi dawk taż-żewġ ittri uffiċjali tal-11 ta' Jannar 1991, kontra l-konvenut li huma minn issa ingunti biex jidhru personalment għas-subizzjoni.

B. Eċċezzjonijiet.

Illi permezz ta' Nota ta' l-Eċċezzjonijiet il-konvenuti John Mattei; Marian Gatt; Astrid Xuereb, Diane Toledo u Sandra Mizzi (E) data 8 ta' Mejju 1991, a fol. 20 eċċepew;

1. Illi huma dejjem kienu propensi jersqu għall-kuntratt a tenur ta' l-iskrittura ta' l-1 ta' Awissu u tad-9 ta' Awissu 1990 rispettivament;

2. Illi huma ma għandhomx ibatu l-ebda spejjeż;

3. Illi salv jekk ikun il-każ eċċezzjonijiet oħra.

Illi permezz ta' Nota ta' l-Eċċezzjonijiet il-konvenuti l-Onervoli Segretarju Parlamentari Dottor Michael Refalo, LLD. il-mara tiegħu Blanche', Hugh Mercieca u l-mara tiegħu Patricia, Peter Camilleri u l-mara tiegħu Cecilia datata 10 ta' Mejju 1991, a fol. 24 fejn eċċeppew:

1. Illi kif jirriżulta mill-premess taċ-ċitazzjoni stess l-esponenti kienu u għadhom lesti li jaddevjenu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt imsemmi u għaldaqstant fil-konfront tagħom iċ-ċitazzjoni hija intempestiva u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi bla preġudizzju għall-premess, għall-istess raġunijiet imsemmija fl-eċċezzjoni preċedenti, l-esponenti m'għandhom fi kwalunkwe każ ibatu l-ebda spejjeż f' din il-kawża;

That after all the defendants were called upon to come forward to the publication of the relative notarial deed and this by means of a judicial letter of the 11th January 1991, a copy of which is attached and marked Doc. (d) the defendants Michael John Mallia et nomine and Victor Peralta nomine only refused to come forward on the opportune notarial act as required by the same appellant;

That the same plaintiff asked that the defendants state why this Court should not for the reasons premised:

1. Condemn them to come forward for the publication of the deed of perpetual emphyteusis of the land known as ' Tal-Propostu' number 9 in Ibragg Alley, in the limits of Birkirkara, of the area of circa 40 tumoli equivalent to 44, 965 sq.m. and as better described in the preliminary agreement of the 1st August 1990, (Doc 'A" and this under all the pacts and conditions indicated in the same preliminary agreement mentioned;

2. To fix a day, time and place for the publication of the same notarial deed, to appoint a Public Notary to publish the relative notarial deed and appoint curators to represent the eventual defaulters on the same act;

With costs, including those of the two judicial letters of the 11th January 1991, against the defendants who are from now summoned to appear personally .

B. Pleas.

That by means of a Note of Pleas of the defendants John Mattei; Marian Gatt, Astrid Xuereb, Diane Toledo and Sandra Mizzi (E) dated 8th May 1991, a fol.20 pleaded;

1. That they were always ready to come forward to the contract in terms of the writings of 1st August and 9th August 1990 respcetively;

2. That they should not bear the expenses;

3. That save if it be the case other pleas.

That by a Note of Pleas the defendants Honourable Parliamentary Secretary Dr. Michael Refalo, LL.D. his wife Blanche', Hugh Mercieca and his wife Patricia, Peter Camilleri and his wife Cecilia dated 10th May 1991, a fol. 24 whereby they pleaded;

1. That as results from the premises of the writ of summons itself the interpellants were and are still ready to come forward to the publication of the contract mentioned and this in their regard the writ of summons is untimely and thus they should be freed from the observance of the judgement;

2. That without prejudice to the premised, for the same reasons mentioned in the preceeding plea, the interpellants should in no case, bear any costs of the case;

3. Illi salv' eċċezzjonijiet ulterjuri.

Illi permezz ta' Nota tal-Eċċezzjonijiet il-konvenut Victor Peralta nomine (B) tat-13 ta' Mejju 1991, a fol. 26 fejn eċċeppixxa;

1. Illi s-soċjetà konvenuta mhijiex rappreżentata tajjeb, u l-ittra uffiċjali li saret kontra tagħha saret ħażina u għalhekk il-konvenju, li hu indiviżibbli skada;

2. Illi l-pagament lil dik is-soċjetà ma sarx fit-terminu stipulat u għalhekk il-konvenju baqa' ineffettiv;

3. Illi fi kwalunkwe każ, iċ-ċitazzjoni ma saritx fit-terminu stipulat mil-ligi kontra l-vendituri kollha u l-obbligazzjoni tal-vendituri hi indiviżibbli;

4. Illi fil-meritu, l-attur ad insaputa u a skapitu ta' l-esponent daħħal fi ftehim privat ma' xi whud mill-vendituri u għalhekk bl-aġir tiegħu frawdolenti waqa' l-konvenju;

5. Illi salv eċċezzjonijiet oħra.

Illi permezz ta' Nota tal-Eċċezzjonijiet il-konvenuti Michael J. Mallia et nomine, (A) datata 13 ta' Mejju 1991, a fol. 29 eċċepixxa:

1. Illi s-soċjetà konvenuta m' rappreżentata skond l-Istatut tagħha;

……Omissis……

2. Illi l-konvenju fil-konfront tas-soċjetà konvenuta ma baqgħax effettiv għal diversi raġunijiet,

……Omissis……

3. Illi fi kwalunkwe każ iċ-ċitazzjoni ma saritx fit-terminu stipulat mil-Ligi kontra l-vendituri kollha u l-obbligazzjoni tal-vendituri hi indiviżiblli;

4. Illi fil-meritu, l-attur wara dar u a skapitu tas-soċjetà eċċipjenti ftiehem ma' xi whud mill-konvenuti prezz u kondizzjonijiet differenti minn dawk imsemmijin fil-konvenju, liema ftehim jeżonera lis-soċjetà milli taddivjeni għall-kuntratt;…

……..Omissis……

5. Illi salv Eċċezzjonijiet oħra.

Illi permezz ta' Nota ta' l-Eċċezzjonijiet il-konvenuti Marguerite Mercieca, Josephine Terreni, Rita Ferro, u Mary Degiorgio, datata 16 ta' Mejju 1991, a fol.34 eċċeppew:

1. Illi huma qatt ma kellhom u ma għandhomx, oġġezzjoni li jaddivjenu għall-kuntratt kif mitlub.

3. Saving further pleas.

That by means of a Note of pleas the defendant Victor Peralta nomine (B) dated 13th May 1991, a fol. 6 whereby he pleaded;

1. That the defendant company is not well represented and the judicial letter which was made against her was made badly and thus the preliminary agreement which is indivisible lapsed;

2. That the payment to that company was not made in the term stipulated and thus the preliminary agreement remained ineffective;

3. That in any case , the writ of summons was not made within the term stipulated by law against all the vendors and the obligation of the vendors is indivisible;

4. That as regards the merit, the plaintiff without knowing and to the detriment of the interpellant entered into a private agreement with some of the vendors and thus by his fraudulent action the preliminary agreement lapsed;

5. Saving further pleas.

That by a Note of Pleas the defendants Michael J. Mallia et nomine, (A) dated 13th May 1991, a fol. 29 pleaded;

1. That the defendant company is not represented according to its Statute;

……Omissis……

2.That the preliminary agreement as regards the defendant company did not remain effective for various reasons

…….Omissis……

3. That in any case the writ of summons was not made within the term stipulated by Law against all the vendors and the obligation of the vendors is indivisible;

4. That as regards, the merit without the knowledge and the the detriment of the interpellant company agreed with some of the defendants a price and conditions different from those mentioned in the preliminary agreement, which agreement exonerates the company from coming forward to the contract…

……..Omissis……

5. Saving further Pleas.

That by a Note of Pleas the defendants Marguerite Mercieca, Josephine Terreni, Rita Ferro and Mary Degiorgio, dated 16th May 1991, a fol. 34 pleaded:

1. That they never had and do not have an objection to come forward to the contract as asked.

Illi permezz ta' nota tal-eċċezzjonijiet il-konvenuti l-Avukat Dottor Ramon Rossignaud u martu l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud (C) datata 11 ta' Ġunju 1991, a fol. 36, eċċeppew:

1. Illi kif jirriżulta mill-premessi taċ-ċitazzjoni, l-eċċipjenti ma rrifjutawx li jaddivjenu għall-pubblikazzjoni ta' l-att skond il-ftehim ta' bejniethom;

2. li għalhekk ma għandhomx ibatu spejjeż ta' dawn il-proċeduri;

Illi salvi dejjem eċċezzjonijiet oħra.

Illi permezz ta' Nota ta' l-Eċċezzjonijiet il-konvenuti Michael John Mallia et nomine, datata 1 ta' April 1993 a Fol. 100 eċċepixxa:

1. Illi qabel xejn huma jirrikjedu l-prova tal-prokura rilaxxata minn Paul Gauci,

……..Omissis……

2. Illi s-soċjetà konvenuta mhijiex rappreżentata skond l-istatut tagħha; …….Omissis……

3. Illi l-konvenju fil-konfront tas-soċjetà konvenuta ma baqax effettiv għal diversi raġunijiet; …….Omissis……

4. Illi fi kwalunque każ iċ-ċitazzjoni ma saritx fit-terminu stipulat mil-liġi kontra l-vendituri kollha u l-obbligazzjoni tal-vendituri hi indiviżibili;

5. Illi fil-mertu l-attur wara dar u a skapitu tas-soċjetà eċċipjenti ftiehem ma' xi whud mill-konvenuti prezz u kondizzjonijiet differenti minn dawk imsemmijin fil-konvenju …….Omissis……

6. Illi salv' eċċezzjonijiet oħra.

Illi permezz ta' Nota ta' l-Eċċezzjonijiet il-konvenuti Dottor Louis Bianchi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà 'Whitewood Ltd' li assuma l-atti minflokk Victor Peralta nomine, datata 5 ta' April 1993, a fol. 106, eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur irid jipproduċi l-prova tal-prokura li għandu mingħand Paul Gauci…… Omissis……

2. Illi fit-tieni lok l-ittra uffiċjali li saret kontra s-soċjetà konvenuta saret ħażina……Omissis……

3. Illi l-pagament lis-soċjetà konvenuta ma sarx fit-terminu stipulat u għalhekk il-konvenju baqa' ineffettiv;

That by a note of pleas the defendants Advocate Dr. Ramon Rossignaud and his wife Legal Procurator Veronica Rossignaud (C) dated 11th June 1991 a fol. 36 pleaded;

